MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 273/2012

**Appell Numru: 273/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**Vs**

**Hamid Haj Habo**

Illum, 14 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Hamid Haj Habo, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 398198M talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud skond 1-Att ta’ 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru.XXIII ta’ 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas fi zrnien 6 gimghat jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur

Mizjud (3) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-30 ta’ Novembru 2008 sat-30 ta’ Novembru, 2010 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76 (c) ta’ 1-Att Nru.XXIII ta’ 1-1998.

Il-Qorti, giet mitluba li fkaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fiz-zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tlett xhur, taht muita ta’ mhux inqas minn erba’ ewro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn theta u ghoxrin Ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi 1-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-24 ta’ Mejju, 2012, fejn il-Qorti wara li rat 1-artikoli 27 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ tmien mitt Euro (€ 800.00).

Il-Qorti, b’ applikazzjoni ta’ 1-artikolu 76 ta’ 1-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mill-ilum jikkonforrna ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax Euro (€15.00) ghal kull jum.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Hamid Haj Habo pprezentat fl-31 ta’ Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

Il-ligijiet taghna f hafna proceduri dejjem esigew illi jkun hemm l-“autorizzazione procedere” u tali dritt dejjem poggietu f’persuna specifikata. Hafna minn dawn il-ligijiet jindikaw lill-Avukat Generali filwaqt li f’tad-dwana perezempju huwa l-Kontrollur tad-Dwana. F’dan il-kaz u fl-

Income Tax huwa l-Kummissarju. Illum dan lanqas huwa maghruf bhala Kummissarju ghal finijiet tac-civil.

Ikkunsidrat.

L-appellant gie akkuzat talli huwa naqas li josserva d-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tal-VAT, talli naqas illi jibghat id-dokumenti necessarji fit-30 ta' Novembru, 2008 sat-30 ta' Novembru, 2010. Il-Qorti tal-Magistrati tat Sentenza taghha fl-24 ta' Mejju, 2012 fejn imponiet multa ta' €800 u tat lill-appellant 3 xhur zmien sabiex jikkonforma ruhu mal-Ligi u fin-nuqqas multa ta' €15 kulljum.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju tieghu qieghed principalment ghal fatt illi l-awtorizazzjoni tal-Kummissarju tal-VAT sabiex tipprocedi kontra l-appellant giet iffirmata minn certa Sharon Debono ghall-istess Kummisarju tal-VAT. L-appellant isaqsi min hi din il-persuna u b'liema awtorizazzjoni ffirmat. Argumenta la darba l-Ligi tghid illi Kummissarju tal-VAT ghandu jiffirma t-tali awtorizazzjoni ma tfissirx illi xi persuna ohra floku tista' taghmel dan. B'hekk l-awtorizzjoni sabiex tipprocedi hija nulla allura quindi l-kawza kollha hija mproponibli.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 83 (1) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jghid *"Ma ghandhom jebdew ebda procediment taht din it-taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-procedimenti hekk mibdija jistghu f'kull zmien qabel is-Sentenza finali jigu rtirati fuq talba tal-Kummissarju."* Fil-bidu ta'din il-Ligi senjament fl-Artiklu 2 jaghti t-tifsira tal-kelma Kummissarju li jghid *"tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi mahtur skont id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 3 (1) jew kull ufficcjal pubbliku jew persuna ohra li jkun naghta deliga skont is-sub Artiklu 2 jew 3 ta' dak l-Artikolu meta jkun qed jagixxi skont it-terminu ta' dik id-delega."* Is-sub Artiklu 2 jghid *"li l-Kummissarju jista jiddelega lil kull ufficjal publiku kull dritt, dmir, setgha u funzjoni ohra li tkun*

*fih vestita lilu moghitja jew imqeghda fuqu b'dan l-Att."* Is-sub Artiklu 3 *"il-Kummissarju jista jiddelega lil kull persuna ohra kull dritt, dmir, setgha u funzjoni ohra li tkun fih vestita lilu moghtija jew tkun imqieghda fuqu b'dan il-Att hekk kif il-Ministru jista bil-miktub jordna:*
*B'dana li l-Kummissarju ma jistax jiddeloga dawk id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet ohra li jkunu vestiti fih lil xi persuna jekk dik il-persuna ma tkunx meqjusa mill-Kummissarju bhala persuna addettata u xierqa biex tezercita dawk id-dmirijiet, drittijiet, setghat, u funzjonijiet u li jkun marbut bl-obbligi mposti mill-Artiklu 56."*

Id-dokument a fol 5 tal-Process huwa dokument mahrug mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u l-Investiment fil-5 ta' Mejju, 2011 u hija awtorizazzjoni sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jagixxi kontra l-appellant ghal dawn il-ksur ta' l-ordinijiet u ffirmata minn Sharon Debono ghall-Kummissarju tal-Vat. Ovvjament il-Kummissarju ghazel lil Sharon Debono biex tirrapprezentah u tiffirma dan id-dokument, kif inhu awtorizzat jiddeloga bl-Artikli fuq imsemmi. L-unika ostakolu ghal din id-delega hija jekk il-Kummissarju ma tqisx il-persuna bhala addattata u xierqa biex tezercita dawk id-drittijiet. Dan ifisser quindi illi tali evalwazzjoni trid issir mill-istess Kummissarju u minn hadd aktar u la Sharon Debono nizlet isimha u ffirmat dan id-dokument ghan-nom tal-Kummissarju dana jfisser illi l-Kummissarju stess ikun iddelega lil din il-persuna u jqisha bhala xierqa illi tezercita dawk id-drittijiet, dmirijiet u setghat illi l-istess Kummissarju ghandu f'dawn ic-cirkostanzi. Din il-Qorti taghmel anologija fil-kaz ta' l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali fejn avolja l-Ligi tirrikjedi illi hafna dokumenti u awtorizazzjonijiet jigu ffirmati mill-Avukat Generali, pero' l-assistenti tieghu jistghu wkoll jiffirmaw ghat-tali funzjonijiet.

Fil-kawza Il-Pulizija kontra Brian Rolle et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fli-24 ta' Mejju, 1995 qalet *"l-Artiklu 3 (1) tal-Kap 90 jiddisponi illi l-assistenti ghall-Avukat Generali ghandhom jezercitaw u jesegwixxu dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet kollha ddelegati jew moghtija lilhom mill-Avukat Generali. L-Artiklu 3 (2) ta' l-istess Kap jghid li fl-ezercizzju u fl-esekuzzjoni tas-*

*setghat, funzjonijiet u dmirijiet delegati jew moghtijin lilhom kif intqal, l-assistenti ghall-Avukat Generali ghandhom sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja, jkollhom l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess harsien u privileggi li l-Ligi timponi jew taghti lill-Avukat Generali."*

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-awtorizazzjoni tal-5 ta' Mejju, 2011 a fol 5 tal-Process hija legali u effettiva ghal kull fini u effetti tal-Ligi u dan l-agravju ta' l-appellant qed jigi michud. Peress illi ma sar l-ebda appell fuq il-meritu mhux il-kaz illi l-Qorti tidhol f'dawn il-konsiderazzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------